# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 5 ta’ Ottubru, 2022

**Kawża Nru. 13**

**Rik. Nru. 3/2022 ISB**

**Cavendish Hotels Limited (C 8372)**

**vs**

**X** u

b’digriet tas-16 ta’ Marzu 2022, is-soċjeta` **Liquigas Malta Limited (C-44954)** ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*,

b’digriet tal-20 ta’ Ġunju 2022, is-soċjetajiet **Vassallo Builders Group Limited (C-2448)** u **CaterEssence Limited (C-49407)** ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis*.

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjeta` **Cavendish Hotels Limited**, intavolat fil-11 ta’ Jannar 2022, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex:-

1. *Tqieghed is-socjeta' rikorrenti taht procedura ta` rkupru skond il-provvedimenti ta` l-Artikolu 329B ta` l-Att.*

2. *Tahtar kontrollur specjali rispettivament ghas-socjeta' Rikorrenti biex jimmanigga u jamministra n-negozju tal-kumpannija Rikorrenti u rispettivament u dan ghal zmien specifikat minn din il-Qorti skont kif hu provdut taht l-artikolu 329B ta` l-Att.*

3. *Tipprefiggi termini li fihom il-kontrollur specjali ghandu, nominat ghal kumpannija rikorrenti, jespleta kwalunkwe inkarigu li taghti din il-Qorti taht il-provvedimenti ta` l-Artikolu 329B ta` l-Att.*

4. *Skont l-Artikolu 329B(5)(a)(ii), tistabbilixxi rremunerazzjoni ta` kull kontrollur specjali hekk nominat ; u*

5. *Skont l-Artikolu 329B(5)(a)(iii) tistabbilixxi z-zmien li fih kumpanniji rikorrenti ghandha tiddepozita somma ta` flus jew toffri garanzija xierqa jew arrangement iehor addattat li, fil-fehma ta` din il-Qorti, ikun bizzejjed biex ikopri r-remunerazzjoni u lispejjez tal-kontrollur specjali konnessi mal-hatra tieghu.*

*u dan taht dawn il-provvedimenti kollha l-ohra li din l-istess Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi tal-kaz skont il-ligi.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi dan huwa rikors a tenur tal-Art 329B tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi s-socjeta' rikorrenti hija kumpanija b'responsabbilita' limitata li kienet giet kostitwita To develop, operate, manage, run hotels, restaurants and night clubs only within the operation of managements of a licenced hotel; and tourist complexes; or otherwise to commercially exploit the said establishments and to carry on any catering and hospitality business, u dan kif jidher mill-Memorandum and Articles of Association ta' din is-socjeta' kopja ta' liema huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A'.*

3. *Illi inizzjalment, din is-socjeta` kienet giet kostitwita' flimkien ma terzi, li madanakollu, wara ristrutturar li sehh f'Gunju 2020,*

*l-unika azzjonista taghha baqghet Edrichton Holidays Limited (C 3111).*

4. *Illi gara illi b'effett minn Marzu 2020, kawza tal-prevalenza tal-pandemija globali COVID-19, l-erba' lukandi li kienet topera din is-socjeta' gew maghluqa mil-lum ghall-ghada, bil-konsegwenza illi ghal xhur shah, is-socjeta' esponenti ma kellha assolutament l-ebda introjtu. Madanakollu, sabiex is-socjeta' esponenti setghet tibqa' zzomm dawn l-istabbilimenti fil-kundizzjoni li kienu fiha meta dawn kienu qed jigu operati normalment, is-socjeta' esponenti kien qed jkollha tibqa' tizborsa flejjes enormi ghall-operat taghhom, inkluz f'salarji, inventarju u kontijiet minn varji suppliers taghha.*

5. *Fil-perjodu bejn 1 ta' Novembru 2019 u l-31 t'Ottubru 2020 is-socjeta' esponenti ggenerat telf ta' € 925,904 u dan skond ma jidher mill-Profit and Loss Statement ghal dan il-perjodu, hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B'.*

6. *Illi bejn Gunju u Ottubru 2020, meta s-socjeta' esponenti setghet terga' tibda topera l-istabbilimenti taghha, il-qaghda finanzjarja tagha ma baqghetx difficli bhal ma kienet fix-xhur ta' qabel meta l-istabbilimenti kienu kompletament, madanakollu minhabba d-diffikultajiet ghat-turisti sabiex jkunu jistghu jivvjaggjaw, il-qliegh li kienet tiggenera din is-socjeta' ma kienx jitqabbel mal-qliegh li din kienet tiggenera fix-xhur ta' qabel il-pandemija.*

7. *Illi l-azzjonista ta' din is-socjeta' kienet ukoll bdiet tavvanza flejjes ohrajn sabiex taghmel tajjeb ghat-telf li kien qieghed jigi ggenerat madanakollu din is-socjeta' ma tistax tkompli tizborsa dawn il-flejjes. Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti giet fi stat li ma tistax tkompli thallas il-kredituri taghha.*

8. *Illi bl-isforzi li ghamlu sew l-azzjonisti u kif ukoll id-diretturi ta' din is-socjeta', flimkien mar-ristrutturar li sar wara dan il-perjodu, it-telf li gie ggenerat ghall-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2020 sal-31 t'Ottubru 2021 tnaqqas ghal € 214,549, hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C'.*

9. *Illi sal-lum is-socejta' rikorrenti ghandha numru ta' kredituri kif jirrizulta ahjar mill-annessa lista ta' kredituri, li tinkludi l-ammont tal-kreditu rispettiv u l-indirizz ta' kull kreditur, Dok. 'D'.*

10. *Illi sal-lum, is-socjeta' rikorrenti m'hiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u ma` dan ir-rikors qed jigu annessi u mmarkati Dok. E il-Balance Sheet ghas-socjeta' rikorrenti li turqi l-qaghda finanzjarja inkluz l-attiv u l-passiv.*

11. *Illi fil-prezent ghalkemm is-socjeta' rikorrenti m'hiex f'qaghda li thallas il-kredituri taghha izda kif ser jigi sottomess hawn taht, thejja pjan ta' ristrutturar kif jirrizulta mill-anness rapport, u dan sabiex din tkun f'qaghda li thallas il-kredituri kollha taghha u ghalhekk qed jsir dan ir-rikors sabiex is-socjeta' rikorrenti titqieghed taht procedura biex tirkupra taht il-provvedimenti tal-Art 329B tal-Kap 386;*

12. *Illi ghal dan il-ghan ittiehdet risoluzzjoni straordinarja li kopja vera qieghda tigi hawn annessa u ezebita bhala Dok. 'F', u dan skond kif jipprovdi l-Artikolu 329B(1)(b) tal-Kap 386.*

13. *Illi mill-qligh anticipat minn dan in-negozju kif prospettat fil-pjan hawn anness u markat Dokument "G" huwa mahsub biex jithallsu lkredituri kollha indikati tar-Rikorrenti u wara li jithallsu l-kredituri taghhom, tittiehed decizjoni kummercjali dwar il-kontinwazzjoni taghhom.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** esebiti mar-rikors mmarkati DOK A sa DOK G, (fol 4 sa fol 25)

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tal-21 ta' Jannar 2022 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-16 ta' Marzu 2022 fid-9:30 a.m.

Rat **<u>ir-rikors</u>** tas-soċjeta` **Liquigas Malta Limited (C-44954)** intavolat fit-8 ta' Marzu 2022 (fol 30) u d-dokument miegħu anness (Dok A – fol 32) li permezz tiegħu l-imsemmija soċjeta` kummercjali ddikjarat li hi kreditiċi tas-soċjeta rikorrenti fl-ammont imsemmi fir-rikors minnha intavolat u talbet sabiex tintervjeni f'dawn il-proċeduri *in statu et terminis*.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2022, deher l-Avukat Karl Grech għas-soċjeta` rikorrenti u deher l-Avukat Calvin Calleja għas-soċjeta` kreditriċi Managing Consulting Services Industry Ltd, u, mill-verbal tal-istess seduta jirrizulta illi l-Qorti laqgħet it-talba u awtorizzat lis-soċjeta Liquigas Malta Limited sabiex tintervjeni f'dawn il-proċeduri *in statu et terminis*.

Rat **<u>ir-rikors</u>** tas-soċjeta` **Vassallo Builders Group Limited (C-2448)** intavolat fil-25 ta' Marzu 2022 (fol 39), li permezz tiegħu l-imsemmija soċjeta`

kummercjali ddikjarat li hi kreditiċi tas-soċjeta` rikorrenti fl-ammont imsemmi fir-rikors u talbet sabiex tintervjeni f'dawn il-proċeduri *in statu et terminis*.

Rat **ir-rikors** tas-soċjeta` **CaterEssence Limited (C-49407),** intavolat fil-25 ta' Marzu 2022 (fol 42), li permezz tiegħu l-imsemmija soċjeta` kummercjali ddikjarat li hi kreditiċi tas-soċjeta` rikorrenti fl-ammont imsemmi fir-rikors minnha intavolat u talbet sabiex tintervjeni f'dawn il-proċeduri *in statu et terminis*.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2022, il-Qorti, wara li rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta` rikorrenti li mhux qed topponi għat-talbiet ta' Vassallo Builders Group Limited u CaterEssence Limited, laqgħet it-talbiet rispettivi u awtorizzat lis-soċjetajiet rispettivi jintervjenu f'dawn il-proċeduri *in statu et terminis*.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2022, is-soċjeta` rikorrenti ppreżentat nota (fol 51) b'**affidavit** ta' Louis Tabone (fol 52), u rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tas-soċejta` rikorrenti li l-patroċinata tiegħu ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dawn il-proċeduri.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2022, id-difensuri tas-soċjetajiet intervenuti fil-kawża iddikjaraw li m'għandhomx provi xi jressqu, semgħet it-trattazzjoni finali u bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għad-decizjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi fid-dokument G (fol 25) anness mar-rikors promotur intitolat *Report on the Future Prospects of Cavendish Hotels Limited* huwa spejgat li l-kumpanija *de quo*, sa mis-sena 2012, dejjem straħet fuq investitur li jidħol fil-kumpanija bi sħab li jkun hu li jiggarantixxi x-xogħol u ċioe` li jimtlew is-sodod fl-erba' lukandi li tmexxi s-soċjeta` rikorrenti. Għal numru ta' snin dan il-forma ta' negozju kien ta' suċċess u rrenda qligħ u l-aħħar investitur kienet is-soċjeta` Robert Arrigo and Sons Ltd, li matul iż-żmien li kienet azzjonista kien sar *refurbishment* tal-istess erba' lukandi. Huwa spjegat li meta bdiet il-pandemija tal-COVID 19, il-lukandi ma setgħux joperaw u għalhekk ma setax isir negozju. L-istess rapport jindika li llum is-soċjeta` rikorrenti għandha bżonn investitur ta' żewġ miljuni Ewro (€2,000,0000) sabiex tkun f'posizzjoni li tkun f'qagħda li ma trendihiex f'insolvenza.

Il-Qorti tinnota li skont il-*balance sheet* ppreżentata mar-rikors promotur datata Ottubru 2021 (fol 22), is-soċjeta` rikorrenti għandha djun li jeċċedu is-sitt miljun Ewro (€6,000,000) u assi li jammontaw għal ċirka erba' punt sebgħa miljun Ewro (€4,700,000).

Fl-affidavit tiegħu **Louis Tabone** jgħid li fil-preżent is-settur turistiku beda jirkupra iżda għadu kmieni sabiex investitur jagħżel li jinvesti fis-settur u jkun biss f'Jannar tas-sena 2023 li wieħed ikollu indikazzjoni ta' kif ser imur is-settur fis-sajf tas-sena 2023 sabiex investitur prospett jitħajjar jinvesti.

**Ikkunsidrat:**

**L-Art 329B tal-Kap 386**

Il-proċedura tal-irkupru ta` kumpannija magħrufa bl-Ingliż bħala *company recovery procedure* jew *company rescue* kienet introdotta għall-ewwel darba bl-Att IV tal-2003 meta sar l-Art 329B tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. In segwitu saru emendi għall-istess disposizzjoni, l-aħħar waħda bl-Att XI tal-2017.

Il-Qorti sejra tibda biex tanalizza s-subartikoli (1) (2) u (3) tal-Art 329B.

Skont l-Artikolu 329B(1)(a) *meta kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha jew x'aktarx ikun imminenti li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, ikun hemm lok illi jsir rikors fejn il-Qorti tintalab sabiex il-kumpannija titqieghed taht procedura biex kumpannija tirkupra u biex tahtar kontrollur specjali biex jiehu kontroll hu, biex jimmanigga u jamminstra n-negozju tal-kumpannija ghal zmien specifikat mill-Qorti.*

Fil-kaz tal-lum, għar-raġunijiet li kienu mfissra fir-rikors promotur u kkonfermati fl-affidavit ta' Louis Tabone, is-soċjeta` rikorrenti taċċetta illi l-qagħda tagħha tinkwadra ruħha fis-sitwazzjonijiet previsti fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) għaliex fid-data tal-preżentata tar-rikors, ma kienux f`pozizzjoni li jħallsu d-djun tagħhom. Fil-fatt, fost id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors kien hemm il-*Profit & Loss Report* relattiv għall-kumpanija rikorrenti ghall-perjodu 1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta` Ottubru 2021, li minnha jirrizulta illi kien hemm telf ta' l-fuq minn mitejn elf Euro, u kif ukoll lista tal-krediturі li tlahhaq l-ammont dikjarat ta' l-fuq minn erba' punt seba' miljun Euro f'dejn.

F'dan il-kuntest ghalhekk, il-Qorti issib illi kien f'lokhu illi s-socjeta` rikorrenti Cavindish Hotels Limited tressaq it-talba taghha quddiem din il-Qorti kif fil-fatt ghamlet.

Issa skont l-Artikolu 329B(1)(b), ir-rikors jista` jiġi ppreżentat jew mill-kumpannija wara rizoluzzjoni straordinarja, jew mid-diretturi wara deċiżjoni tal-bord tad-diretturi, jew mill-krediturі tal-kumpannija li jirrapprezentaw aktar minn nofs il-valur tal-kredituri tal-kumpannija.

Fil-każ ta' llum, ir-rikors kien ippreżentat mis-soċjeta rikorrenti, wara rizoluzzjoni straordinarja li ttieħdet fl-20 ta' Diċembru 2021 (ara Dok F, fol 24).

F'dan is-sens ukoll il-Qorti ssib ghalhekk illi s-socjeta' rikorrenti ressqet dan ir-rikors billi mxiet ma' dak rikjest mill-ligi biex tkun f'posizzjoni illi taghmel dan b'mod legittimu.

Fl-Artikolu 329B(2), il-liġi tidħol fid-dettall ta` x`għandu jkun inkluż fir-rikors promotur. Il-liġi tagħmel dan għaliex peress illi l-Qorti tkun trid tippronunzja ruhha dwar ir-rikors fi zmien relattivament qasir, tajjeb li l-qorti jkollha bizzejjed informazzjoni u taghrif, korraborati b`dokumenti, sabiex tkun tista` taghti d-decizjoni taghha b`heffa, u ma tkunx kostrett tisma` xhieda u tigbor provi ohra fit-tul.

Fil-kaz tal-lum dak rikjest mil-ligi kien rispettat mill-bidu sal-ahhar.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

> *(a) Rikors ghandu, kemm hu possibli, jaghti l-fatti, ic-cirkostanzi u r-ragunijiet kollha li wasslu biex il-kumpannija ma tkunx tista' jew ikunu imminenti li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, flimkien ma' dikjarazzjoni mir-rikorrent ta` kif il-qaghda finanzjarja u ekonomika tal-kumpannija tkun tista' tittejjeb fl-interessi tal-kredituri u ta' l-impjegati taghha u tal-kumpannija nnifisha bhala azjenda vijabbli.*
>
> *(b) Meta rikors ikun maghmul mill-kumpannija, ghandhom ikunu annessi mieghu d-dokumenti li gejjin* :
>
> *(i) dikjarazzjoni ta' l-attiv u l-passiv tal-kumpannija maghmula sa data li ma tkunx qabel id-data tar-rikors b'iktar minn xahrejn ; u*
>
> *(ii) lista li jkun fiha l-ismijiet u l-indirizzi tal-kredituri flimkien ma' indikazzjoni ta' l-ammont dovut lil kull wiehed minn dawk ilkredituri u s-sigurtà, jekk ikun hemm, tal-kredituri rispettivi …*

L-Artikolu 329B(3) jiddetermina x`ghandha taghmel il-Qorti wara li tkun semghet ir-rikors.

Id-disposizzjoni tghid hekk :-

> *(a) Meta tisma' rikors, il-Qorti tista', wara li tezamina c-cirkostanzi kollha u l-azzjonijiet li jkun hemm, jew tichad ir-rikors jew tohrog ordni biex kumpannija tirkupra … fejn tilqa' t-talba u tqieghed lill-kumpannija taht procedura biex kumpannija tirkupra.*
>
> *(b) Il-Qorti ghandha tilqa' r-rikors, u skond dan tqieghed lill-kumpannija taht procedura biex kumpannija tirkupra, biss jekk –*

*(i) tkun sodisfatta li l-kumpannija ma tkunx tista', jew x'aktarx ikun imminenti, li ma tkunx tista', thallas id-djun taghha skond kif imfisser fl-artikolu 214(5) ; u*

*(ii) jekk tikkunsidra li l-ordni x`aktarx jilhaq xi wiehed mill-ghanijiet li gejjin : -*

*li l-kumpannija tibqa' azjenda vijabbli ghal kollox jew f'parti ;*

*jew*

*is-sanzjonament taht l-artikolu 327 ta' kompromess jew arrangament bejn il-kumpannija u kull kredituri jew membri taghha*

*(c) Fl-eghmil ta' ordni, il-Qorti ghandha tikkunsidra :*

*(i) l-ahjar interessi tal-kredituri, ta' l-azzjonisti u tal-kumpannija nnifisha, u l-possibbiltà li thares l-impjiegi kif ikun jidher ragonevoli u finanzjarjament possibli fic-cirkostanzi ; u*

*(ii) il-kost li jkollu jsir biex tkun adottata procedura biex kumpannija tirkupra, partikolarment id-drittijiet u l-ispejjez li jkollhom jithallsu.*

Fil-kaz illi l-Qorti taghmel l-ordni biex kumpannija tirkupra, allura skont l-Artikolu 329B(1)(d), il-hatra ta` kontrollur specjali ghandha ssir *ghal zmien ta` mhux iktar minn erba` xhur; izda f`kull zmien li matulu jkun hemm fis-sehh procedura biex kumpannija tirkupra, il-qorti tista`, jekk tintwera raguni xierqa, testendi z-zmien b`perijodu jew b`perijodi ta` erba` xhur, izda b`kollox ma jaccedux it-tmien xhur.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-proċedura sabiex kumpannija tirkupra ssib il-mudell tagħha fil-proċedura tal-"*administration*" kif din tirrizulta fis-Schedule B1 tal-Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra. Bla ma tidħol fid-dettall ta` kif topera l-proċedura fid-dritt Ingliż, din il-Qorti tirreferi biss għall-Art 11 tas-Schedule B1 li jgħid hekk :

"*The court may make an administration order in relation to a company only if it is satisfied – (a) that the company is likely to become unable to pay its debts; and (b) that the administration order is reasonably likely to achieve the purpose of administration.*

Ingħad minn *Bailey, Groves & Smith* fil-Pagna 120 tal-ktieb "**Corporate Insolvency**" (2nd. Edit, 2001) illi –

"*Inevitably the procedure obliges the court, lawyers and accountants to approach the problem raised with commercial awareness and sensibility. The court, in particular, is being asked*

> *on the hearing of the petition to make a commercial judgement which is often difficult to make even for a business person. The procedure is court based and professional advisers must be involved from the earliest point possible; much of the success of the procedure will depend on the preliminary work leading up to presentation of the petition.”*

Fil-Pag 47 tal-ktieb : “**Principles of Maltese Company Law**” (Malta University Press – Second Edition) il-Professur *Andrew Muscat* ighid :–

> “*The primary aim of this far reaching procedure is to allow, if practicable, companies in financial difficulty to recover rather than to be put them into liquidation. The procedure is intended to be an alternative to the liquidation of a troubled business. It is not however intended to make effective insolvency or to merely postpone the inevitable crash*”.

Dan tal-aħħar huwa kliem iebes iżda preċiż li jqiegħed lill-Qorti fuq il-binarji propji meta tkun rinfaċċjata bi proċedura ta` din ix-xorta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fil-każ odjern, kif spjegat fid-dokument G (fol 25) anness mar-rikors promotur, is-soċjeta` rikorrenti sabet ruħha f’din is-sitwazzjoni prinċipalment minħabba l-effett li kellha l-pandemija tal-COVID ’19 fuq is-settur turistiku. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li s-settur turistiku, li huwa vitali għall-ekonomija ta’ pajjiżna, huwa fost l-agħar li ntlaqgħat mill-pandemija u hija ħasra kbira u devastanti li l-operaturi ta’ dan is-settur tant importanti qeghdin isibu ruħhom fi problemi simili, anke jekk l-ghanjuna pubblika lil din is-settur matul l-aghar perjodu tal-pandemmija ma naqsitx.

Il-Qorti hija marbuta bil-provedimenti tal-liġi li jfisser li l-unika soljev li jista` jingħata lis-soċjeta` rikorrenti, jekk kemm -il darba din il-Qorti tilqa` t-talba rikorrenti, huwa għal perjodu ta’ erba’ xhur li jista jiġi estiż, iżda bl-ebda mod ma jista jeċċedi, it-tmien xhur.

Madanakollu, mid-dokumenti u l-provi prodotti mis-soċjeta` rikorrenti ma jirriżulta l-ebda prospett u l-ebda pjan ta’ kif ser jitħallas id-dejn tal-kumpanija. Il-Qorti tifhem li s-soċjeta` rikorrenti tibqa’ tittama li ssib investitur li jagħtiha l-ossiginu li għandha bżonn biex tibqa` topera, pero` il-Qorti ma tistghax ma tosservax illi mill-provi prodotti, ma jirrizultax illi fil-futur qasir hemm xi pjan konkret ta’ rkupru jew investiment li jista’ jaghti n-nifs illi din il-kumpannija ghandha bzonn.

Kif jinghad aktar il-fuq, ai termini tal-Artikolu 328B(2)(a), huwa mehtieg illi l-kumpannija rikorrenti turi lill-Qorti *kif il-qaghda finanzjarja u ekonomika tal-*

*kumpannija tkun tista' tittejjeb fl-interessi tal-kredituri u ta' l-impjegati taghha u tal-kumpannija nnifisha bhala azjenda vijabbli*.

Mill-atti jirrizulta illi l-kumpannija ddikjarat illi qed thejji pjan ta' ristrutturar, izda mill-provi prodotti, senjatament l-affidavit ta' Louis Tabone, direttur tal-kumpannija, il-Qorti mhix sodisfatta illi dan il-pjan huwa vijabbli jew konvincenti bizzejjed biex il-Qorti takkolja t-talba. Dikjarazzjonijiet bhal "*there are some hopes for next Summer 2023 to see some volume to attract a foreign partner*" xejn ma jghinu l-kawza tas-socjeta' rikorrenti. Dan qed jinghad mhux biss peress illi b'hekk is-socjeta` rikorrenti ma pproduciet xejn fil-konkret, anzi ddikjarat illi tkun f'pozizzjoni illi tara l-possibilita' ta' investiment f'Jannar 2023 skond il-*patterns* tal-booking, imma mbghad, fi kliem l-istess direttur, anke jekk il-*pattern* ikun favorevoli, jkun f'dak l-istadju illi jiskatta l-process biex investitur jasal biex, fi kliemu "*pump in capital*". Jibqa' l-fatt illi sal-llum, kull ma hemm fil-konkret, hija t-tama illi jasal dak il-mument.

Filwaqt li tifhem is-sitwazzjoni sfortunata li sabet ruħha fiha s-soċjeta` rikorrenti, forsi anke minhabba l-pandemija, din il-Qorti jeħtieġ li fid-deċiżżjoni tagħha tilħaq bilanċ bejn l-interess tas-soċjeta` rikorrenti u kif ukoll dik tal-kredituri tagħha. Meta l-Qorti tifli bir-reqqa l-lista ta' kredituri (fol 19 u fol 20) u l-ammonti dovuti lilhom ma tistax ma titħassibx dwar il-qagħda tal-kredituri nnifishom jekk kemm -il darba dawn id-djun ma jiġux mħallsa. Il-Qorti tqis li jekk kemm -il darba tilqa` t-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti, bin-nuqqas ta' pjan konkret ta' rkupru kif jirrizulta, ikun aktarx ser jinħoloq preġudizzju akbar lill-kredituri u fuq kollox tipperdura il-fazi u l-perjodu ta' incertezza.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-incidenza simili ghall-kaz tal-llum fil-kaz deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252)** (Rikors 909/2014JZM)[1] meta qalet hekk:

> *Sabiex kumpannija taqbad it-triq tal-irkupru, meta diga` tinsab f`qaghda li ma tistax thallas id-djun taghha, tehtieg fresh capital injection apparti ripensament dwar direzzjoni, tmexxija u kontroll finanzjarju. Meqjus il-fatt li l-unika azzjonista ta` More (Hamrun) ma tefghetx aktar flus minn taghha fil-kumpannija rikorrenti, l-ebda kreditur mhu se jkun tolleranti, u l-ebda investitur gdida mhu se johrog mqar sold wiehed jekk mhux se jkun konvint li hemm business plan serju lest u attwabbli. Fil-kaz tal-lum, ex admissis jirrizulta li ghadu ma sar xejn bil-miktub; eppure More (Hamrun) qeghda tistenna li tinghata c-cans li tirkupra. Il-Qorti tiddubita serjament mill-esistenza ta` dan il-pjan ai sensi tal-Art. 329B(2)(a) tal-Kap 386. La mir-rikors promotorju, u lanqas mid-dokumenti esebiti, ma tirrizulta d-dikjarazzjoni li trid il-ligi ta` kif il-qaghda finanzjarja u ekonomika tal-*

[1] Deciz 27.10.2014

*kumpannija tkun tista` tittejjeb fl-interessi tal-kredituri u tal-impjegati taghha u tal-kumpannija nnfisha bhala azjenda vijabbli.*

Għalhekk, il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha u partikolarment in vista tal-fatt illi s-soċjeta` rikorrenti ma pprovdiet l-ebda prospett realistiku ta' kif id-djun tagħha jistgħu jiġi mħallsa u pjan ta' rkupru effettiv, u in vista tal-ammont kbir ta' kredituri u djun, ma tistax tikkunsidra li jekk tilqa' t-talba x'aktarx li jwassal biex l-kumpanija tibqa' ażjenda vijabbli, u ghalhekk , il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talba tas-soċjeta rikorrenti sabiex titqiegħed taħt proċedura ta' rkupru.

**Għaldaqstant, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qiegħda, filwaqt illi tiddikjara illi ma jirrizultawx l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex taghti ordni li tqieghed lill-kumpannija kummercjali rikorrenti Cavindish Hotels Limited (C-8372) taht procedura ta' rkupru, tghaddi biex tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta` rikorrenti kif maghmula fir-rikors promotur taghha.**

**Spejjeż ta' din il-procedura a karigu tal-istess soċjeta` rikorrenti.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**